

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tat-28 ta' April 2016 – FY vs Il-Kunsill(Kawża F-76/15) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Sigurtà soċjali — Skema komuni ta' assigurazzjoni għall-mard — Teħid ta' responsabbiltà għall-ispejjeż mediċi — Rata ta' rimbors — Rikonoxximent ta' marda gravi — Kriterji — Artikolu 72 tar-Regolamenti tal-Persunal u dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni dwar ir- rimbors għall-ispejjeż mediċi)

(2016/C 222/47)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: FY (rappreżentanti: J.-N. Louis u N. De Montigny, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Bauer u M. Veiga, aġenti)

Suġġett tal-Kawża

Talba għal annullament tad-deċiżjoni tal-Uffiċċju responsabbli għall-ħlasijiet ta' Brussell li tiċħad it-talba għal estensjoni tar- rikonoxximent tal-marda li minnha jbati iben ir-rikorrenti bħala marda gravi u t-talba għat-teħid ta' responsabbiltà 100 % għall-ispejjeż mediċi marbuta magħha.

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tat-8 ta' April 2014 li permezz tagħha l-Uffiċċju responsabbli għall-ħlasijiet ta' Brussell (il-Belġju) għall-iskema komuni ta' assigurazzjoni għall-mard ċaħad it-talba għal estensjoni tar- rikonoxximent tal-marda li minnha jbati iben FY bħala marda gravi hija annullata.
- 2) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jbati l-ispejjeż rispettivi tiegħu u huwa kkundannat ibati l-ispejjeż sostnuti minn FY.

⁽¹⁾ ĠU C 245, 27.7.2015, p. 51

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tat-12 ta' Mejju 2016 – Guittet vs Il-Kummissjoni(Kawża F-92/15) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Ex uffiċjal — Sigurtà soċjali — Incident — Artikolu 73 tar-Regolamenti tal-Persunal — Għeluq tal-proċedura — Iffissar tar-rata ta' invalidità permanenti parzjali — Allowance addizzjonali għall-kapital imħallas f'każ ta' invalidità permanenti parzjali — Eżekuzzjoni ta' sentenza ta' annullament — Truxija inkurabbli u totali)

(2016/C 222/48)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Christian Guittet (Cannes, Franza) (rappreżentanti: L. Levi u A. Tymen, vukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: T. S. Bohr, aġent, C. Mélotte, avukat)

Suġġett

Talba għall-annullament, minn naħa, tad-deċiżjoni ta' evalwazzjoni mill-ġdid tar-rata ta' invalidità permanenti parzjali tar- rikorrent u, min-naħa l-oħra, tad-deċiżjoni li parzjalment tirrifjuta t-talba tar-rikorrent, u t-talba għall-kumpens għad-dannu materjali u morali allegatament mġarrba.

Dispożittiv

- 1) *Id-deċiżjoni tas-6 ta' Ottubru 2014 li għalqet il-proċedura miftuħa abbażi tal-Artikolu 73 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea wara l-inċident tat-8 ta' Diċembru 2003 li kien vittma tiegħu Christian Guittet, sa fejn din iffissat ir-rata ta' invalidità permanenti parzjali dovut lillu skont l-Artikolu 12 tar-Regoli komuni għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea dwar l-assigurazzjoni għar-riskji ta' inċidenti u ta' mard ikkaġunat mix-xogħol, fil-verżjoni applikabbli qabel l-1 ta' Frar 2006, għal 65 %, hija annullata*
- 2) *Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tħallas lil C. Guittet is-somma ta' EUR 5 000.*
- 3) *Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.*
- 4) *Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbatl l-ispejjeż tagħha u hija kkundannata għall-ispejjeż sostnuti minn C. Guittet.*

(¹) ĠU C 29, 07.09.2015, p. 83.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tat-12 ta' Mejju 2016 – FS vs KESE

(Kawża F-102/15) (¹)

(Servizz pubbliku — Membri tal-persunal temporanju — Artikolu 41 tal-Karta tad-drittijiet fundamentali — Dritt ta' aċċess ta' kull persuna għall-fajl li jikkonċernaha — Aċċess għad-dokumenti relattivi għal tentattiv ta' medjazzjoni — Tentattiv ta' medjazzjoni mibdi mill-president li kien fil-kariga tal-KESE dak iż-żmien u tmexxija taħt l-awspiċi ta' ex president tal-KESE — Dritt ta' aċċess għar-rapport imfassal fl-aħħar ta' din il-medjazzjoni — Investigazzjoni amministrattiva miftuħa wara l-medjazzjoni — Artikolu 3 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal)

(2016/C 222/49)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: FS (rappreżentanti: L. Levi u A. Tymen, avukati)

Konvenut: Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (rappreżentanti: K. Gambino, X. Chamodraka, M. Pascua Mateo, A. Carvajal u L. Camarena Januzec, aġenti, B. Wägenbaur, avukat)

Suġġett tal-kawża

Talba għall-annullament tad-deċiżjonijiet tal-KESE li jiċħdu t-talba għal aċċess għal dokumenti mressqa mir-rikorrenti kif ukoll talba għal-kumpens għad-dannu morali allegatament subit.

Dispożittiv

1. *Id-deċiżjoni tad-19 ta' Novembru 2014 tal-President tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE), sa fejn tirrifjuta l-komunikazzjoni lil FS ta' rapport li jikkonċernaha, stabbilit minn ex president tal-KESE fuq talba tal-president li kien fil-kariga tal-KESE dak iż-żmien, hija annullata.*